ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 547**

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fil-11.20 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**547.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

547.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkun skużata.

547.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

**547.2 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar (ZLC 1/2021)**

547.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa s-sejħa għall-offerti relatata max-xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar (ZLC 1/2021).

547.2.2 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar (ZLC 1/2021). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienu ġew sottomessi tlett offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li l-ebda offerta ma kienet teknikament tajba peress illi l-offerenti ma provdewx l-informazzjoni mitluba. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

547.2.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jerġa' joħroġ sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għax-xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillier is-Sur Mark Grech, mis-Sur Marco Cassar u mill-Perit Matthew Briffa.

547.2.4 Il-laqgħa spiċċat fis-11.25 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-548 laqgħa li saret nhar Tnejn, 26 ta' Lulju, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku